3

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar L-Erbgha, 26 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**(Spettur Andy Rotin)**

**vs**

**Antoine Monsigneur**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

   Antoine Monsigneur ta' 51 sena' bin Joseph Monsigneur u Josephine nee' Bugeja imwieled gewwa Pieta', Malta fit-12 ta' Jannar 1971, residenti gewwa Okella Agius, 41, Triq Hal-Qormi, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0049071M.

   Akkuzat talli b'diversi atti maghmula minnu li gew maghmula fi zminijiet differenti pero li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, nhar it-tlettax (13) ta' Mejju 2022, ghall-habta tan-nofsija [sic] (12:30hrs) ta' wara nofsinhar u/jew f'hinijiet qabel u/jew wara gewwa l-

ufficini tas-Sigurta Socjali li jinsabu fi Triq is-Sorijiet iz-Zghar tal-Fqar, Hamrun, u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, izda bil-hsieb li jikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Gauci Borda u/jew persuni ohra, permezz ta' arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu;

2. U kif ukoll talli garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U kif ukoll talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. Hebb kontra persuna/i sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuna/i u/jew lil haddiehor;

5. Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil David Gauci Borda u/jew xi persuni u/jew xi entita/entitajiet ohra;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ikkaguna lil David Gauci Borda u/jew xi persuni u/jew xi entita/entitajiet ohra biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxedenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra u/jew xi persuni u/jew xi entitajiet ohra, u dan twettaq bl-uzu jew it-theddid tal-uzu ta' arma;

Akkuzat ukoll talli nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2022 gewwa dawn il-Gzejjer:

7. Attakka jew ghamel resiztenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuna ta' PS 790 Nathan Zerafa, PC437 Jurgen Falzon, PC645 Luca Brincat u/jew PC 126 Ryan Mercieca; bhala persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghtija skont il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti;

8. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku cioe' PS 790 Nathan Zerafa, PC437 Jurgen Falzon, PC 645 Luca Brincat u/jew PC 126 Ryan Mercieca; waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqu u/jew fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

9. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku;

10. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat;

11. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil David Gauci Borda biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu;

12. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamel uzu iehor li mhux xieraq bih;

Finalment akkuzat ukoll talli:

13. Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu bid-digriet datat 4 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Charmaine Galea LL. D) u dan billi kkometta reat ta' natura volontarja;

14. Sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offiza cioe' David Gauci Borda kif ukoll lill PS 790 Nathan Zerafa, PC436 Jurgen Falzon, PC645 Luca Brincat u PC126 Ryan Mercieca ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti skond il-ligi, tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni u l-parti offiza u tad-difiza.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   (i) Fit-13 ta' Mejju 2022 ghal habta ta' tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofs-in-nhar, David Gauci Borda, haddiem gwwwa l-Ufficju tas-Sigurta Socjali tal-Hamrun, irraporta li waqt li kien xoghol l-imputat Antoine sive David Monsigneur kien mar jistaqsi rigward xi pagamenti tas-servizzi socjali li kien ghadu ma ircevix, u qallu l-kliem *"jekk mhux se tohrogli l-pagamenti intaqqab erbgha min-nies"* u hareg sikkina tal-hobz minn idu l-leminija.

   (ii) Waqt li l-Pulizija kienu qed jiehdu l-verzjoni tax-xhieda dwar dan l-incident, huma gew infurmati mill-Control Room li l-imputat kien quddiem il-binja ta' Okella Agius, fi Triq Hal-Qormi, Hamrun – il-post tar-residenza tieghu – b'sikkina f'idejh u x'aktarx fis-sakra.

   (iii) Il-Pulizija marru fuq il-post u sabu lill-imputat quddiem il-bieb tar-residenza tieghu fit-tielet sular, b'sikkina f'idejh. Din is-sikkina giet mehuda minn idejh, gie skortat l-Ghassa tal-Hamrun, fejn gie infurmat li se jinzamm taht arrest.

(iv) Wara li gie interrogat fuq dan l-incident mill-ispettur Clayton Camilleri, l-imputat inghata police bail.

(v) Fis-16 ta' Mejju 2022 ghal habta tad-disgha u kwart ta' fil-ghaxija (9.15p.m.), Karl Dimech, manager mal-Agenzija Servizz.gov irrapporta l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, fejn qal li sema' recording li sar fuq il-helpline 153 dak-in-nhar ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofs in-nhar (12.30pm), fejn l-imputat hedded li kien se jghati daqqa' ta' sikkina lill-impjegat ma' Servizz.gov. F'din it-telefonata, l-imputat instema' jghid il-kliem *"ahjar immur il-habs u din id-darba vera intijielu daqqa' ta' sikkina."* Huwa ghadda kopja ta' dan ir-recording lill-Pulizija.

(vi) L-Ispettur Clayton Camilleri ordna li l-imputat jigi arrestat. L-imputat irrezista li jigi arrestat, u hin minnhom qal il-kliem *"xi hadd minnha jmut".* Kellha tintuza forza fizika sabiex l-imputat jigi immanettjat u arrestat.

(vii) In vista tal-fatti fuq esposti kif jinghad fir-rapport tal-Pulizija relattiv,[1] ittiehdu dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

6. Il-Qorti thoss li jkun opportun li tikkunsidra l-erbatax (14) imputazzjoni dedotti kontra l-imputat wahda wahda.

*Imputazzjoni Numru 1: Attentat ta' Ferita Gravi fuq David Gauci Bord*

7. L-ewwel imputazzjoni hija li l-imputat ittenta jikkommetti ferita gravi fuq il-persuna ta' David Gauci Borda.

8. Ghalkemm dan il-fatt gie negat mill-imputat waqt ix-xhieda tieghu, il-Qorti hija sodisfatta li mill-provi jirrizulta ampjament li meta fit-13 ta' Mejju 2022 l-imputat dahal ikellem lil David Gauci Borda sabiex jilmenta li ma irceviex xi cekkijiet tas-sigurta

[1] Ara fol. 36 *et seq.* tal-process.

socjali, huwa pogga bil-qieghda quddiemu u hareg sikkina tal-hobz mill-komma tat-track suit ta’ idu l-leminija, waqt li kien qed ikellmu.

9. Pero mill-provi jirrizulta wkoll li ghalkemm l-imputat ippunta din is-sikkina lejn il-perspex li kien jissepara lilu minn Gauci Borda, huwa fl-ebda hin ma ghamel xi mossa biex iweggha lil Gauci Borda bis-sikkina. Fil-fatt meta l-Prosekuzzjoni staqsiet kif kien il-komportament tal-imputat avvolja kellu s-sikkina f’idu, huwa wiegeb hekk: *“Le, le, ma kienx aggressiv, le, le. Kien kalm. … … Kien Kalm meta harigha.”* Huwa xehed ukoll li ma kienx hemm ghajjat u theddid hlief li meta hareg is-sikkina l-imputat qal il-kliem *“Jekk ma tohroglix il-pagament innehhi ta’ erba’ minn nies.”*[2] Mistoqsi mill-Qorti, Gauci Borda rega’ qal ic-cirka ghoxrin minuta li l-imputat kien hdejh, il-konverzazzjoni kienet il-hin kollu normali ta’ tnejn min-nies jitkellmu madwar mejda.[3] Ix-xhud qal ukoll li l-imputat zamm is-sikkina f’idu ippuntata lejn il-perspex, pero ma kienx qed idawwarha, fil-waqt li qaghad jitkellem mieghu.[4] Skond ix-xhieda ta’ Gauci Borda stess, huwa ipprocessalu d-dokumenti sabiex l-imputat ikun jista’ japplika ghall-beneficcju tal-mard, u l-imputat hareg minn rajh.[5]

10. Dan huwa korroborat ukoll mix-xhieda ta’ Michelle Scerri li kienet fl-istess ufficju ta’ David Gauci Borda. Hija xehdet li l-imputat ma dahalx irrabjat fil-kamra, imma dahal fil-kamra b’mod *“friendly”* ghax lil Gauci Borda kien ikellmu ghax kien jinqeda ghandu ta’ spiss. Hija kompliet tghid li Borda u l-imputat *“jitkellmu normali bdew, u ma kienx hemm ghajjat, hadd ma gholla lehnu, just jitkellmu fuq li kellu bzonn is-Sur Monsigneur.”*[6] Hija xehdet li *“jitkellmu normali bdew jigifieri ma bdewx jiggieldu, ma kienx hemm aggressivita xejn. Naf li f’hin minnhom Monsigneur urih is-sikkina lil David u David keccieni barra mill-kamra. … … Imma naf li bdew fuq xi cekkijiet u urieh is-sikkina mhux ghax beda jhedded lilu, just urieh is-sikkina li tela’ bl-arma fl-ufficju. … … Harigha mill-komma u wrieha lil David bhal speci biex jurih li ghandu l-arma.”* Hija marret f’ufficju iehor fejn kien hemm impjegata ohra Michelle Falzon Cordina ftit metri l-boghod, u circa hmistax-il minuta wara rat lill-imputat niezel bil-kalma isfel.[7]

---

[2] Ara fol. 90 tal-process.
[3] Ara fol. 94-95 tal-process.
[4] Ara fol. 95 tal-process.
[5] Ara fol. 91 tal-process.
[6] Ara fol. 65 tal-process.
[7] Ara fol. 57 u fol. 66 tal-process.

11. Ix-xhieda l-ohra prodotti li kienu l-haddiema fl-Ufficju tas-Sigurta Socjali ukoll xehdu li ma semghu xejn.

12. A bazi tal-provi prodotti, certament ma jistghx jinghad li l-imputat wera intenzjoni li jrid b'xi mod jikkaguna xi ferita fuq il-persuna ta' David Gauci Borda. Dan ma jfissirx li l-agir tieghu ma jistghax jikkostitwixxi reat taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali,[8] pero certament mhux dak ta' tentattiv ta' ferita gravi.

*L-Imputazzjoni Numru 2: Garr ta' Sikkina barra minn xi fond minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija*

13. M'hemmx dubbju li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq xi prova fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni. Fil-fatt ma gie mharrek l-ebda rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jixhed liema huma l-armi li l-imputat huwa awtorizzat igorr fuqu barra minn go xi fond.

14. Fin-nuqqas assolut ta' provi fir-rigward, l-imputat se jigi liberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

*L-Imputazzjoni Numru 3 – Ksur tal-Bon-ordni jew Kwiet tal-Pubbliku*

15. Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li ghalkemm l-imputat hareg sikkina fl-ufficju ta' David Gauci Borda, il-komportament tieghu kien il-hin kollu kalm. Fil-fatt, ghalkemm il-haddiema l-ohra kienu jafu li l-imputat kellu sikkina fuqu waqt li kien ghal cirka ghoxrin (20) minuta fl-ufficju ma' Gauci Borda – jekk mhux ghal raguni ohra, ghax ix-xhud Michelle Scerri harget mill-ufficju u din il-Qorti m'ghandhix dubbju li infurmathom ghaliex ghamlet hekk – hadd mill-haddiema, inkluz zewg ufficjali suppost tas-sigurta ma deherlu li kellu jcempel lill-Pulizija ghall-assistenza. Mill-provi jirrizulta li r-rapport lill-Pulizija sar biss wara li l-imputat hareg mill-ufficini, u Gauci Borda cempel lis-superjuri tieghu.

[8] Bhal per ezempju r-reati kontemplati fl-Artikolu 95 u 339(e) tal-Kodici Kriminali.

16. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni wkoll ma gietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

*L-Imputazzjoni Numru 4 – Hebb ghal xi Persuna, sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara*

17. Il-Qorti terga' tirribadixxi li deplorevoli kemm kien deplorevoli l-agir tal-imputat, mill-provi jirrizulta ampjament li l-imputat ma hebb ghal hadd, u konsegwentement lanqas din l-imputazzjoni ma giet ippruvata.

*L-Imputazzjoni Numru 5 – Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil David Gauci Borda*

18. B'riferenza ghal din il-hames imputazzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghal insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[9] fis-sentenza **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini** deciza fis-27 ta' Frar 2009, fejn gie ritenut hekk:

*"… … (I)t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :*

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

*dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :- ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." … …*

[9] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-*test Ingliz*), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment".*

19. Mill-provi akkwiziti jirrizulta ampjament li l-imputat kien imur regolarment fl-Ufficini tas-Sigurta Socjali tal-Hamrun biss bl-iskop li jottjeni informazzjoni dwar il-hlas tal-pagamenti tas-sigurta socjali dovuti lilu, u jidher li ghal xi raguni ma kienx qed jircievi ic-cekkijiet li kienu jintbghatu lilu bil-posta mid-dipartiment koncernat. Fil-fatt fix-xhieda tieghu Gauci Borda jghid illi *"Is-Sur Monsigneur kien jigi kull gimghatjen il-Hamrun Servizz.gov u dejjem kien jigi fuq pagamenti."*[10] Jirrizulta li l-imputat hareg mill-habs f'Novembru 2022, ma kellux impjieg u kien jghix bl-assistenza socjali. In-nuqqas li jircievi l-pagamenti tas-sigurta socjali wassluh fi stat ta' krizi finanzjarja kbira. Ghalhekk ma jistghax jinghad li hu kien imur go dawn l-Ufficini kapriccjozament.

20. Fin-nota ta' sottomissjoniet taghhom il-Prosekuzzjoni u l-parte civile ma ghamlu l-ebda tentattiv sabiex jispjegaw x'kien l-agir tal-imputat li kien qed jikkrea fastidju lil Gauci Borda. Pero in vista tal-fatt li skond ic-citazzjoni dan ir-reat allegatament gie kommess fit-13 ta' Mejju 2022 ghal habta ta' 12.30hrs *"u/jew f'hinijiet qabel u/jew wara"* il-Qorti tifhem li l-Prosekuzzjoni qed tirreferi ghal fatt li l-imputat hareg sikkina tal-hobz waqt li kien qed ikellem lil Gauci Borda meta mar l-ufficini in kwistjoni fil-gurnata imsemmija.

21. Pero din il-Qorti hija tal-opinjoni li dan l-agir tal-imputat ma kienx intiz sempliciment biex idejjaq u/jew jaghti qata' lil Gauci Borda, izda kienet intiza bhala minacca lil Gauci Borda sabiex ibezza lil Gauci Borda. Ghalhekk dan l-agir tal-imputat ma jaqghax fid-definizzjoni ta' fastidju ai termini tal-Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, izda se mai jista' jikkwalifika bhala reat taht l-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, u cioe li ikkaguna lil Gauci Borda biza li ser tintuza vjolenza kontrieh.

22. Dan qed jinghad apparti l-kwistjoni li sabiex jikkwalifika bhala fastidju ai termini tal-Artikolu 251A, l-agir tal-imputat irid ikun fih element ta' ripetizzjoni jew persistenza –

[10] Ara fol. 92 tal-process.

element li se jigi analizzat iktar l-isfel minn din il-Qorti meta tkun qed tikkonsidra l-elementi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali.

23. Fid-dawl tas-suespost din l-imputazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

*<u>Imputazzjoni Numru 6: Ikkaguna lil Gauci Borda biza li ser tintuza vjolenza kontrih</u>*

24. Dan ir-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali gie ezaminat fid-dettal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[11] fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** deciza fl-24 ta' April 2009, fejn gie ritenut hekk:

*"Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". … …*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma*

[11] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."*

25. Issa m'hemmx dubbju li mill-provi jirrizulta li l-imgieba tal-imputat fit-13 ta' Mejju 2022 bezzghet lil Gauci Borda. Pero sabiex ikun jista' jissussisti dan ir-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, ma kienx sufficjenti li l-Prosekuzzjoni tipprova l-incident li fit-13 ta' Mejju 2022 hareg sikkina waqt li kien qed ikellem lil Gauci Borda fl-ufficju tieghu, pero riedet ukoll tipprova li dan gara f'ghall-inqas okkazzjoni ohra qabel sabiex jistgha jinghad kien hemm *"a course of conduct"* tal-imputat biex igieghel lil Gauci Borda jibza li ser tintuza vjolenza kontrih.

26. Fix-xhieda tieghu Gauci Borda jghid li incidenti ohra bhal dawn qatt ma kien hemm. Ghalkemm iktar tard jghid li kien hemm okkazzjoni wahda fejn l-imputat hareg imqass u poggieh kazwalment fuq il-mejda waqt li hu u l-kollega tieghu qed ikellmuh.[12] Gauci Borda ma ta l-ebda dettalji ta' meta gara dan il-fatt – lanqas id-data tieghu. Pero l-Prosekuzzjoni tellghet bhala xhud lil Grace Anne Agius li wkoll tahdem l-Ufficini tas-Sigurta Socjali l-Hamrun xehdet li hi kienet taqdi lill-imputat bejn Novembru 2021 u nofs Jannar 2022, meta harget bil-*maternity leave.* Hija xehdet li l-ewwel darba li hija qdiet lill-imputat kien fit-22 ta' Novembru 2021, u dak-in-nhar l-imputat tefa' imqass bil-ponta fuq il-mejda waqt li kien qed ikellimha. Dan l-imqass kien twil bejn ghaxra (10) u hmistax (15)-il centimetru.[13] Huwa kien ilmenta maghha li ma kienx ircieva c-cekk, u li kien se jkisser kullma kien hemm ghax kien xeba' u mhux ser jiddejjaq jerga' jidhol gewwa. Hija tghid li ghalkemm dik l-unika darba li pogga l-imqass fuq il-mejda, hu kien ikollu mqass fuqu meta jigi l-ufficju. Gieli wkoll kien jghid il-kliem "inniffed lil xi hadd". Fl-istess hin tghid li apparti dan it-theddid generiku, lilha qatt ma ghamlilha

[12] Ara fol. 92-93 tal-process.
[13] Ara fol. 144 tal-process

xejn, kien jirrispettaha u kien jghidilha li "ma nkissirx kullma hawn rispett tieghek" ghax dak iz-zmien kienet tqila.[14]

27. Ix-xhud Grace Anne Agius qalet ukoll li bejn Novembru u Dicembru 2021 hi u Gauci Borda kienu ghamlu rapport lill-Pulizija fuq l-imgieba tal-imputat. Pero kopja ta' dan ir-rapport ma gietx ezebita f'dawn il-proceduri. Hija qalet ukoll li huma kienu kellmu wkoll lis-superjuri taghhom fl-ufficju tal-Prim Ministru dwar l-imgieba tal-imputat, pero ma jidhirx li qatt ittiehdu xi passi.[15] Min-naha tieghu, dawn il-fatti ma issemmewx minn Gauci Borda waqt ix-xhieda tieghu.

28. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, b'dak li xehdet Grace Anne Agius seta' fl-ahjar ipotesi kien hemm ragunijiet sabiex jittiehdu passi kontra l-imputat ghax ikkaguna biza' li ser tintuza vjolenza fil-konfront taghha. Pero ma jirrizultax mill-provi prodotti li Gauci Borda kien qed jinkwieta partikolarment fuq l-imgieba tal-imputat, u l-ewwel darba li sofra trauma kien proprjament bl-incident tat-13 ta' Mejju 2022. Fil-fatt huwa jghid hekk: *"Ghandi xokk hux ghax l-ewwel darba li gratli din. … … Minn dak in-nhar bqajt nibza' hux"*[16]

29. Pero apparti dan l-incident wiehed tat-13 ta' Mejju 2022 li sar f'hin partikolari, il-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-agir tal-imputat fil-gimghat u xhur precedenti kien jammonta ghal *"course of conduct"* sabiex jikkaguna biza lil Gauci Borda li se tintuza vjolenza fil-konfront tieghu, kif hu mehtieg mill-kazistika sabiex ikunu jissussistu l-elementi kollha tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali. Fil-fatt dan l-anqas biss gie allegat mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

30. Fi kwalunkwe kaz, dwar is-sitt imputazzjoni, li tirreferi għall-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali hija miktuba b'mod li tirreferi għal dak li ġara f'jum partikolari biss u cioe fit-13 ta' Mejju 2022. Kif diga inghad biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct*. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din il-*course of conduct* fl-istess jum. Fl-ahjar ipotezi, ix-xhieda Gauci Borda u Agius

---

[14] Ara fol. 145-149 tal-process.
[15] Ara fol. 152 tal-process.
[16] Ara fol. 93-94 tal-process.

irreferew ghal incident iehor li ġara xhur twal qabel, iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-imputat dwar theddid lil Gauci Borda jew lil xi ufficjali ohra tad-dipartiment tas-Sigurta Socjali.

31. Fid-dawl tas-suespost isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati ta' din is-sitt imputazzjoni kif dedotta.

32. Naturalment dan ma jfissirx li l-agir tal-imputat fit-13 ta' Mejju 2022 – ma jistax jammonta ghal reati ohra kontemplati fil-Kodici Kriminali, bhal per ezempju r-reat ta' theddid lill-ufficjal pubbliku u/jew l-kontravenzjoni ta' theddid kif kontemplati fl-Artikoli 95 u 339(e) tal-Kodici Kriminali, pero l-imputat ma giex akkuzat b'dawn ir-reati.

*Is-Seba' Imputazzjoni: Attakk jew Rezistenza lil erba' Ufficjali tal-Pulizija*

33. Din l-imputazzjoni tirreferi ghall-incident tas-16 ta' Mejju 2022, meta erba' ufficjali tal-Pulizija marru biex jarrestaw lill-imputat mir-residenza tieghu, l-imputat irrifjuta li jikko-opera u l-Pulizija kellhom juzaw forza proporzjonata.

34. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Roderick Farrugia** deciza fis-26 t'April 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[17] irriteniet hekk:

*"Illi kif jghid Il-**Prof. Sir A. Mamo** "Notes on Criminal Law" (Vol.II- 1955 edit. p. 55 et seq.) biex jissusisti dan ir-reat kontemplat fl-art.96 tal-Kodici Kriminali jehtieg li tkun tirrizulta l-"active force" ossia l-"via di fatto". Il-mera dizubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni legittimu tal-awtorita' ma humiex bizzejjed biex jkun hemm dar-reat. Hemm bzonn li l-insubordinazzjoni tasal sal-grad li tiffrustra jew tfixkel l-esekuzzjoni tal-ligi billi topponi l-azzjoni ta' dawk inkarikati mill-esekuzzjoni tal-ligi. Hu minnu ukoll li l-istess awtur jghid :-*

*"If, therefore a man makes opposition to a warrant of Seizure merely by refusing to open the door of his house, he does not commit this crime… … The same may be said*

[17] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*where a person avoids the execution of a warrant of arrest by running away at the arrival of the police, or by freeing himself from their hands, <u>without however, using any violence whatsoever</u>. The Law respects the natural instincts of every man and does not pretend that he should renounce a way which appears open to him to maintain his liberty." (sottolinejar ta' din il-Qorti)"*

35. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Borg** deciza fis-26 ta' Jannar 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[18] spjegat illi:

*"Mhux bizzejjed ghalhekk attakk bil-kliem, anke jekk dak il-kliem ikun iebes, ingurjuz jew minatorju (tali kliem jista naturalment jammonta ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali). Anqas ma hi bizzejjed ghall-finijiet tal-artikolu 96 is-semplici rezistenza passiva (ez. li wiehed ma jiftahx il-bieb jew li jintelaq mal-art) jew l-uzu ta' forza jew vjolenza applikata fuq, jew fil-konfront ta' <u>oggett</u>, b'mod pero, li dik il-forza ma tkunx tista' direttament jew indirettament tikkaguna xi hsara lill-ufficjal pubbliku (ez. wiehed jaghti bil-ponn fuq vettura biex ibezza' lill-ufficjal pubbliku, ghalkemm f'dan il-kaz jista' jikkonfigura reat iehor. ... ...*

*Ir-rezistenza li offra l-appellant permezz ta' forza <u>li ma kinitx diretta lejn l-ufficjali tal-pulizija izda billi zamm mas-siggijiet kif ukoll mal-hadid tal-bieb jew kancell.</u> Ghalkemm l-imgieba ta' l-appellant forsi ma tikkwalifkax mad-daqqa' t'ghajn bhala rezistenza passiva, ghax hu uza forma ta' forza biex jirrezisti li jinhareg mill-Istadium, tali forza ma tammontax ghal vjolenza jew hebb <u>fil-kontront ta' l-ufficjali tal-pulizija.</u> L-imgieba ta' l-appellant, izda kienet tali li tnissel apprensjoni ghall-inkolumita personali ta' min seta' kien vicin l-istess appellant, u ghalhekk bhala tali, tammonta ghal ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku ... ..."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

36. Mill-video tal-bodycams tal-Pulizija ezebiti in atti[19], kif ukoll mix-xhieda ta' PS 790 Nathan Zerafa, PC 645 Luca Brincat, PC 126 Ryan Mercieca u PC437 Jurgen Falzon jirrizulta car li l-mod li bih l-imputat irrezista l-arrest kien biss verbalment pero mhux b'ghajjat, billi rabat idejh mal-puggaman tat-tarag komuni tal-blokka ta' appartamenti

---
[18] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano. Vol. LXXXIII-IV-165
[19] Ara fol. 229 tal-process.

fejn kien joqghod, u billi irrifjuta li jidhol fil-vettura tal-pulizija. Fl-ebda hin ma' l-impuntat ezercita xi forma ta' forza illegittima diretta lejn xi wiehed minn dawn l-ufficjali tal-Pulizija, liema forza setghet ikkagunat hsara lil xi wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija. Huwa vera li l-imputat irrezista li jaghti idejh sabiex jigi immanettjat u irrezista li jigi immexxi lejn il-vettura tal-Pulizija u jidhol go fiha, pero fl-ebda hin huwa ma attakka jew irrezista permezz ta' vjolenza fizika.

37. Ghaldaqstant din l-imputazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

*Imputazzjoni Numru 8: Theddid kontra Ufficjali Pubblici*

38. Din l-imputazzjoni hija wkoll relatata mal-arrest tal-imputat fis-16 ta' Mejju 2022. Il-Qorti taqbel mad-difiza li ghalkemm mill-filmati tal-*bodycams* tal-Pulizija jirrizulta li l-imputat ma kienx kuntent li ser jerga' jigi arrestat u esprima l-oppozizzjoni tieghu, fl-ebda mument ma' uza kliem li jbaxxu inaqqsu jirridikolaw jew jittrivjalizzaw lill-Ufficjali tal-Pulizija jew lil hidmiethom.

39. Pero l-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali ma jitkellimx biss fuq ingurji, imma jitkellem ukoll fuq theddid lill-ufficjali pubblici fil-qadi ta' dmirijithom. Mill-filmati u mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija jirrizulta car li f'hin minnhom waqt li qed jitkellem mal-Pulizija b'mod kalm u civili u jipprotesta ghal fatt li se jigi arrestat, l-imputat qal il-kliem *"Il-Qorti ma mmorru imkien, taf kif immoru l-Qorti? Xi hadd minna jmut. Tajjeb hekk?"*[20] Huwa vera li t-theddida hija ftit vaga, ghax il-kliem *"xi hadd minna jmut"* jista' possibilment jirreferu anke ghall-imputat innifsu, pero bl-istess mod jista' ragonevolment jigi interpretat bhala li jirreferi ghal xi wiehed mill-erba' ufficjali tal-Pulizija li kienu qieghdin jarrestawh.

40. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Gauci** deciza fit-12 ta' Gunju 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[21] osservat hekk:

[20] Filmat mill-bodycam ezebit a fol. 229 circa 33.15 minuta.
[21] *Per Prim Imhallef Vincent De Gaetano.*

*"Biex ikun hemm tali theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor*[22] *– xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "...e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'"*[23]*. Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva."*

41. Skond l-intentiment komuni, bil-kliem *"xi hadd minna jmut"* l-imputat kien qed jirraviza hsara ngusta – addirittura l-mewt - lil xi wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li hu qal dak il-kliem ghax dak il-hin kien emozzjonat.[24] Ghalkemm din il-Qorti m'ghandhix dubbju li dak il-hin l-imputat kien emozzjonat li ser jerga' jigi arrestat (skond hu ingustament), dan ma jiggustifikax li l-imputat ghandu jhalli l-emozzjonijiet jeghlbu r-raguni, u jhedded lill-Ufficjali tal-Pulizija ghax qed jaqdu d-doveri taghhom. L-imputat missu hu konsapevoli li tenut kont tal-antecedenti tieghu, theddida minghandu, anke jekk formolata b'mod ftit vag u tinghad b'mod kalm ghandha effett enormi.

42. Konsegwentement, din l-imputazzjoni giet debitament ippruvata.

<u>*L-Imputazzjoni Numru 9: M'Obdiex ordnijiet legittimi tal-Awtorita jew ta' Wiehed inkarigat mis-Servizz Pubbliku*</u>

43. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza issottomettiet li l-Prosekuzzjoni naqset milli iggib prova jew imqar tidentifika l-"ordni legittima taghha" li l-imputat naqas li jobdi. Din il-Qorti tikkonfessa li hija pjuttost perplessa b'din is-sottomissjoni. Huwa

[22] *Fid-dottrina wiehed isib referenza ghal minacca esplicita u implicita, diretta u indiretta, reali u simbolika. Jista' jkun hemm ukoll minacca kondizzjonata – ara l-Artikolu 249(2) tal-Kodici Kriminali.*
[23] *Antolisei, F.* ***Manule di Diritto Penale – Part Speciale I*** *Giuffre` (Milano), 1986, p. 140.*
[24] Ara fol. 273 tal-process.

ovvju li din l-imputazzjoni tirreferi ghal fatt li l-imputat irrezista l-arrest tieghu fis-16 ta' Mejju 2022.

44. L-imputat irrezista li jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija li jilbes il-manetti sabiex jigi arrestat u jmur maghhom l-Ghassa tal-Pulizija. M'hemmx dubbju lanqas li huwa fixkel lill-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom. Ghalkemm l-agir tieghu ma jikkostitwix ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (l-imputazzjoni numru 7), l-agir tieghu jinkwadra ruhu perfettament fir-rekwiziti sabiex jissusti dan ir-reat.

45. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni giet debitament ippruvata.

*L-Imputazzjoni Numru 10: Li Hedded li jaghmel reat permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika.*

46. Fl-ewwel lok, id-difiza tissottometti li l-Prosekuzzjoni ma gabux l-ahjar prova sabiex din l-imputazzjoni tigi ippruvata, stante li naqqsu milli jipprezentaw ir-recording tat-telefonata li saret fuq il-*helpline* 153 fis-16 ta' Mejju 2022. M'hemmx dubbju li l-Prosekuzzjoni dan m'ghamlitux, u dan minkejja li inghataw diversi opportinajiet sabiex jaghmlu dan. Pero ghalkemm il-ligi tezigi li tigi prodotta l-ahjar prova, il-ligi imkien ma tghid li t-tieni l-ahjar prova hija inammissibli.

47. Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil Lisa Micallef, senior agent ta' Centrecom li tahdem fis-sezzjoni tas-sigurta socjali.[25] Micallef xehdet li fis-16 ta' Settembru 2022 ghal habta tal-hdax ta' fil-ghodu (11.00a.m.) agenta ta' centrecom irceviet telefonata minghad persuna li identika ruhu bhala Antoine Monsigneur li qal kliem ta' theddid. Ix-xhud qalet li semghet ir-recording tat-telefonata personalment u l-kliem li intqal kien *"ghax jien immur naghti daqqa ta' sikkina"*.

48. Micallef qalet li l-isem ta' min cempel kien Antoine sive David Monsigneur, u ta n-numru tal-karta tal-identita tieghu, id-data tat-twelid u l-indirizz. Huwa cempel dwar xi cekkijiet tas-sigurta socjali li ma kienx ircieva bil-posta. Huwa beda jinsisti mal-agenta

[25] Ara fol. 69 *et seq.* tal-process.

li ghandu bzonn il-flus u li d-direttur Martin Buhagiar irid jiffirmalu c-cekkijiet u mbaghad qal il-kliem *"ghax jien imbaghad malajr naghtiha d-daqqa ta' sikkina".*[26] Mid-dettalji tat-telefonata u tal-kontenut taghha li tat Micallef waqt ix-xhieda taghha, u mix-xhieda tal-imputat stess dwar din it-telefonata,[27] din il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-persuna li ghamlet it-telefonata kienet verament l-imputat.

49. Xhud wiehed, jekk emnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti issib u tiddikjara htija.

50. Huwa vera li kif issottomettiet id-difiza fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, minn dan il-kliem m'huwiex car jekk l-imputat riedx ifisser li kien se jaghti daqqa ta' sikkina lil Martin Buhagiar jekk ma jiffirmax ic-cekkijiet jew lill-ufficjali tas-Sigurta Socjali jew lil terzi persuni. Id-difiza tissottometti li jekk dan il-kliem sar, huwa probabbli li l-imputat qal dan il-kliem b'riferenza ghalieh stess u cioe hedded li jikkometti suwicidju, sforz il-qaghda finanzjarmanet imweghra li kien jinsab fiha. Huwa vera li mill-assjem tal-provi jirrizulta ampjament li l-imputat kien imxebba' bil-qaghda finanzjarja imweghra tieghu, u fil-fatt Mifsud xehedet li huwa kien jinstema' iddisprat ghal flus.

51. Pero din il-Qorti m'hix konvinta li b'dan il-kliem l-imputat kien qed jhedded li jikkommetti suwicidju. Meta l-Pulizija marru biex jarrestawh aktar tard filghaxija, wara huwa irrezista l-arrest bil-kliem ghal cirka nofs siegha, u dan certament m'hux atteggament ta' wiehed li qata' qalbu mill-hajja. Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat ghamel din t-theddia vaga sabiex ibezza' lill-agenta u peress li jaf li in vista tal-antecedenti tieghu huwa meqjus bhala bniedem perikoluz u li jasal, forsi jinstigaha biex taqdieh u tohroglu c-cekkijiet li kien ilu gimghat jistenna.

52. Ghalhekk l-imputat kien qed jhedded li jekk mhux ser jircievi c-cekkijiet kien tal-inqas sejjer jaghti daqqa ta' sikkina lil xi hadd, b'mod pero li baqa' vag lil min ser jaghti din id-daqqa ta' sikkina. Ovvjament li wiehed jaghti daqqa ta' sikkina lil xi hadd, jikkostitwixxi reat, anke jekk semplicement jikkaguna ferita hafifa.

53. In vista tas-suespost, din l-ghaxar imputazzjoni giet debitament ippruvata.

---

[26] Ara fol. 74 tal-process.
[27] Ara fol. 276 tal-process.

*<u>L-Imputazzjoni Numru 11: Gieghel lil David Gauci Borda biex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga, u dan billi uza xi network jew apparat tal-komunikazzjoni elettronika.</u>*

54. Din il-Qorti taqbel mad-difiza li l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova ta' xi kommunikazzjoni permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika bejn l-imputat u Gauci Borda.

55. Konsegwentement din l-imputazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

*<u>L-Imputazzjoni Numru 12: Talli ghamel uzu iehor mhux xieraq minn xi network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettronika</u>*

56. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din l-imputazzjoni numru tnax, inghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghall-imputazzjonijiet numru ghaxra (10) u hdax (11). In vista tal-konkluzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjoni numru ghaxra (10), il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

*<u>L-Imputazzjoni Numru 13: Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.</u>*

57. Ix-xhud l-Ispettur Roderick Attard esebixxa kopja tad-digriet tal-helsien mill-arrest datat 4 ta' Novembru 2021 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fi proceduri kriminali ohra li ghadhom jinsabu pendenti kontra l-imputat. Ir-raba' (4) kundizzjoni f'dan id-digriet hija li l-imputat ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

58. In vista tal-fatt li l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet numru tmienja (8) u ghaxra (10), li t-tnejn jikkontemplaw delitti, ifisser li l-imputat huwa hati li kiser ukoll dan id-digriet tal-helsien mill-arrest.

*<u>L-Imputazzjoni Numru 14 – Sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li huma definittivi</u>*

59. Il-Prosekuzzjoni ma pprezentatx sentenzi sabiex tipprova din l-imputazzjoni tar-recidiva, u konsegwentement din l-imputazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

60. Rigward il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li minn erbatax (14)-il imputazzjoni, il-Qorti sabet lill-imputat hati biss ta' erba' (4) imputazzjonijiet, u cioe l-imputazzjonijiet numru tmienja, disgha, ghaxra u tlettax.

61. Il-fedina penali tal-imputat hija wahda arci raffrettarja li ghandha tletin (30) faccata, b'diversi kundanni ghal serq ikkwalifikat, instigar ta' minorenni ghall-prostituzzjoni, diversi reati ta' ingurji, thedid u offizi fuq membri tal-korp tal-Pulizija, pussess semplici tad-droga, kalunja, holqien ta' provi foloz, ferita ta' natura gravi permezz ta' arma. Apparti sentenzi ta' habs effettiv, uhud minnhom twal, huwa inghata wkoll diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu permezz ta' ordnijiet ta' probation u sentenzi sospizi, pero s'issa l-imputat dejjem baqa' jippersisti fit-triq tal-kriminalita.

62. Pero jidher li l-imputat li issa ghandu tnejn u hamsin (52) sena xeba' jahli hajtu diehel u hiereg mill-habs, u jixtieq jirriforma ruhu u jirristabilixxa hajtu. Dan jirrizulta anke mix-xhieda tal-assistenta psikologista tieghu fil-habs Maria Chiara Leone.[28]

63. Huwa ghandu wkoll problemi ta' anger management billi jhoss li meta kien izghar ma sabx l-ghajnuna li kellu bzonn minghand ufficjali tal-pulizija u gwardjani tal-habs, u ghalhekk ghandu rabja partikolari ghalihom.

64. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll li l-imputat ilu tminn (8) xhur dentenut il-habs taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri. Ghalkemm huwa inghata l-helsien mill-arrest relattivament fil-bidu ta' dawn il-proceduri, huwa ma rnexxielux jonera l-obbligi tal-garanzija impost fid-digriet, u ghalhekk ma setghax johrog mill-habs.

---

[28] Ara fol. 403 tal-process.

65. Pero huwa gharaf juza dawn ix-xhur il-habs b'mod kostruttiv, bl-ghajnuna tal-assistenta psikologa tieghu. Qed jahdem biex ir-rabja tieghu ma jimmanifestahiex b'aggressjoni fizika, u jsib modi iktar logici u pacifici biex isolvi l-problemi. Mix-xhieda tal-assistent psikologa Maria Chiara Leone jirrizulta li ghamel progress, ghalkemm ghad fadallu fuq hiex jahdem. Dan il-progress seta' jigi innotat ukoll minn din il-Qorti mit-titjib fil-komportament tieghu fl-awla waqt is-seduti fil-mori ta' dawn il-proceduri.

66. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[29] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited ... ... As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

67. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-isforzi li ghamel l-imputat gewwa l-habs dawn l-ahhar tminn xhur haqqhom li jigu rikonoxxuti.

68. Inoltre, il-Qorti tosserva li minkejja li l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bil-ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest, hija naqset li titlob ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest u r-ri-arrest tieghu kif kienet intitolata li taghmel ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, minn qari akkurat tal-ligi, meta jittiehdu proceduri ghal ksur tal-bail quddiem il-Qorti li tkun tat il-helsien mill-arrest ai termini tal-Artikolu 579(1), dik il-Qorti hija obbligata li tohrog mandat ta' arrest fil-

[29] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

konfront tal-imputat. Pero, meta l-Pulizija jiehdu proceduri ghal ksur tal-helsien mill-arrest ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, *"l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna."* (Artikolu 579(3))

69. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ifisser li meta jittiehdu proceduri kriminali ghal ksur ta' bail ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, bhalma hu l-kaz odjern, hija l-Pulizija li ghandha l-fakolta titlob ir-revoka tad-digriet mill-arrest, u r-ri-arrest. Jekk il-Pulizija ma taghmilx dan, il-Qorti ma tistax *ex officio* taqbad u tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest, kif hija obbligata li taghmel meta l-proceduri tal-helsien mill-arrest isiru ai termini tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali.

70. Madanakollu, ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti hija obbligata f'kaz ta' sejbien ta' htija, li tordna il-konfiska tal-garanzija in toto jew in parte, ghax il-leġiżlatur uża l-kliem *"għandha"* u *"għandu"* u konsegwentement il-konfiska taħt dan is-subartikolu baqgħet tassattiva. Dak li tħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti huwa jekk għandux jiġi konfiskat l-ammont tal-garanzija kollu jew parti minnu, u dan skond il-gravita tar-reat, u ċioe il-gravita tal-ksur li a bażi tiegħu l-imputat ikun instab ħati tar-reat in eżami. Fil-kaz odjern, il-Qorti hija tal-opinjoni li jkun opportun li tikkonfiska biss parti mill-garanzija personali ta' ghaxart elef Euro (€10,000) imposta fid-digriet tal-helsien mill-arrest.

**Konkluzjoni**

71. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni numru tnax;

(2) Issib lill-imputat mhux hati tal-imptuazzjonijiet bin-numru wiehed, tnejn, tlieta, erbgha, hamsa, sitta, seba', hdax u erbatax dedotti kontra tieghu;

(3) Wara li rat l-Artikoli 95, 338(ee), 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet enumerati bin-numru tmienja, disgha, ghaxra u

tlettax dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena, li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) A tenur ta' l-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

(5) Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

(6) In oltre, il-Qorti qed tikkundanna lil hati ghal hlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000), liema multa hija pagabbli minnufih, u fin-nuqqas tigi konvertita f'perjodu ta' prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

(7) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf Euro (€1000) formanti parti mill-garanzija personali imposta fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 4 ta' Novembru 2021 moghti minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dottor Charmaine Galea, u jekk dan l-ammont ma jithallasx immedjatament, dan l-ammont jigi konvertit f'perjodu ulterjuri ta' prigunerija skond il-ligi.

(8) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' David Gauci Borda. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

72. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

73. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**